Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 113/2013

Il-Pulizija

(Spettur Anthony Agius)

Vs

David Agius

Illum 20 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja talli:

> **fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, bħala direttur tal-kumpannija Marsalite Limited (C338) għas-snin 2003, 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) AL 88 tal-1998 maħruġ ai termini tal-hawn fuq imsemmija artikolu 23, naqas milli jħares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Frar 2013, li biha, sabet lill-appellant ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 tal-Avviż Legali 88 tas-sena 1998, sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu w kkundannatu jħallas multa ta' erba mitt Euro (€400) u multa addizzjonali ta' sebgħa Euro (€7) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.

Rat illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, spjegat lill-appellant *ai fini* ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab ħati ta' xi reat taht xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tingħata sentenza, b'żieda ma' kull piena oħra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem priġunerija, u hekk misjub ħati għat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija ħames snin, minkejja kull disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, jingħata sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'żieda ma kull piena oħra hlief għal priġunerija għal żmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant David Agius minnu ppreżentat fl-4 ta' Marzu 2013 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tillibera lil David Agius mill-unika imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat t-traskrizzjonijiet tax-xhieda ta' Emanuel Farrugia għan-nom tad-Dipartiment tat-Taxxi u Claudette Fenech għan-nom tal-MFSA fl-istadju tal-appell matul is-seduti datati l-15 ta' April 2015 u s-17 ta' Mejju 2015, kif ukoll it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet li nstemgħet quddiem din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar is-7 ta' Ottubru 2015[1].

Rat il-verbal tal-14 ta' Ġunju 2018 fejn il-partijiet irremettew ruħhom għall-atti tal-kawża u straħu fuq il-provi u d-dokumenti hemm miġbura.

[11] Folio 607, 609, 616, 618 u 625 tal-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi l-lanjanza ewlenija mressqa mill-appellant Agius hija illi l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi. L-appellant jiċħad li hu għamel l-atti nkriminatorji li bihom jinsab mixli, u dan b'mod kontinwat bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Skond l-appellant huwa nkontestat il-fatt illi l-amministrazzjoni tas-socjeta' Marsalite Limited dejjem kienet f'idejn Nazzareno Cauchi li kien direttur ieħor tal-istess soċjeta' fl-istess żminijiet mal-appellant. Dan ifisser, fil-fehma tieghu, illi huwa Cauchi li għandu jwieġeb għall-akkuza lilu addebitata u mhux hu. Jishaq li hu daħal fl-amministrazzjoni tas-socjeta' minnu rapprezentata biss meta s-sitwazzjoni kienet diga wahda prekarja. Jallega ksur potenzjali tad-drittijiet fundamentali tiegħu fl-eventwalita' li din il-Qorti ma tirrevokax is-sentenza u dan tenut kont taċ-ċirkostanzi dejjem skond kif deskritti minnu.

L-appellant jikkontendi ukoll li r-reati in kwistjoni huma kommessi minn socjeta' kummercjali li hija moghnija bl-hekk imsejjah '*corporate liability*' fejn fil-fehma tieghu allura l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, teżoneraħ għal kollox mir-responsabbilta' penali kuntrarjament ghal dak deciz mill-Ewwel Qorti illi din id-disposizzjoni ma tistax issib applikazzjoni għal-liġi specjali li tirregola l-obbligi fiskali tal-kontribwent. Jibqa' isostni illi l-artikolu 13 huwa '*blanket provision*' li tapplika anki fir-rigward tad-dritt penali fuq it-taxxa.

Izid l-appellant li l-akkuża ma tistax treġi in *ogni caso* kontriħ peress illi din tikkostitwixxi att pozittiv u mhux negattiv (*commission* mhux *ommission*) fejn *semmai* jekk misjub ħati, hu jkun naqas li jagħmel xi ħaġa u mhux għamilha u dan qed jingħad anki fid-dawl tal-mod kif l-Ewwel Qorti ddefiniet ir-responsabbilta' tiegħu bħala direttur fis-sentenza tagħha. Finalment jgħid li hu jinsab fl-impossibilta' li jottempera ruħu mal-obbligi fiskali li dwarhom tirreferi l-akkuza u dan ghaliex ma kellux access għad-dokumenti relattivi ghas-snin indikati fl-akkuza peress li l-fond minn fejn kienet gestita s-socjeta' kien issiggillat minhabba li din giet zgumbrata minn dan il-lok, u dan indipendentement mir-rieda tiegħu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti fliet l-atti proċesswali, minn fejn jirrizulta illi f'dan l-istadju ta' revizjoni nstemghet biss x-xhieda ta' Emanuel Farrugia, impjegat mal-Kummissarju tat-Taxxi u Claudette Fenech, rapprezentanta tal-MFSA, ghalkemm jidher illi quddiem l-Ewwel Qorti kien xehdu ukoll l-appellant in difeza kif ukoll ix-xhieda Winfred Flores u Charles Sciriha, liema xhieda allura din il-Qorti ma kellhiex ix-xorti li tisma'. In oltre kif inhu d-dritt tiegħu, l-appellant ukoll għażel li f'dan l-istadju ma jixhidx quddiem din il-Qorti fejn għaldaqstant jidher li qed jistrieħ fuq il-kontenut tal-appell tiegħu bħala l-linja difenzjonali tiegħu. In vista ta' dan u peress illi d-deposizzjoni tax-xiehda ta' dawn il-persuni ma ġietx traskritta, din il-Qorti mihjiex f'posizzjoni li tikkonsidra dak li huma setgħu qalu matul it-testimonjanza tagħhom, allavolja jidher li l-Ewwel Qorti aċċennat għal dak li xehdu dawn ix-xhieda fis-sentenza tagħha.

Ikkunsidrat

Illi l-appellant David Agius ma hux qieghed jikkontesta il-fatt illi huwa kien id-direttur tas-soċjeta' Marsalite Limited fiż-żminijiet mertu tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu, ghalkemm jishaq illi huwa rrizenja b'mod ufficjali fis-sena 2011. Dan ġie ampjament ippruvat mid-dokumenti li ġew eżebiti mir-rappreżentant tal-MFSA minn fejn johrog illi l-appellant kien sar direttur tas-socjeta' fit-30 ta' Mejju 1986[2] u baqa direttur sakemm irriżenja uffiċjalment fit-30 ta' Marzu 2011[3]. Bl-istess mod mhux qed jiġi kkontestat illi l-prospetti tal-Final Settlement system u cioe' l-formoli FS3 u FS7 kienu ntbagħtu lid-Dipartiment tat-Taxxa skont il-ligi. Dak li wassal ghar-reat addebitat lill-appellant kien jikkoncerna l-Formula FS5 fejn minn tnax il-waħda d-Dipartiment tat-Taxxi rċevew biss tlieta mis-soċjeta' in kwistjoni, u liema tlieta ma kellhomx anness magħhom l-pagament dovut, liema fatt, fi kliem Emanuel Farrugia iwassal sabiex id-Dipartiment iqies daqslikieku il-formoli ma intbaghtux. Skond dan l-istess xhud is-soċjeta' Marsalite Limited kienet għada inadempjenti fil-ħlas dovut lid-Dipartiment sad-data meta hu xehed quddiem din il-Qorti, u ċioe fis-sena 2015, fejn indika li kien għad fadal bilanċ dovut ta' għoxrin elf Ewro (€20,000).

[2] Folio 15 tal-atti proċesswali.
[3] Folio 256 tal-atti proċesswali.

Ghal din l-inadempjenza fl-obbligi fiskali tas-socjeta', fil-fehma tax-xhud, ghandhom iwiegbu ghaliha d-diretturi kollha tas-socjeta', inkluz allura l-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi l-akkuza addebitata lill-appellant hija imsejsa fuq r-reat imfassal fl-artikolu 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 li jiddisponi:

*(1)* **Meta xi persuna tħallas xi income taxxabbli taħt l-artikolu 4(1)(a)(b) jew(d) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, jew xi income hekk kif jista' jiġi preskritt, hi għandha, fil-ħin tal-ħlas, tnaqqas it-taxxa minnu f'dak l-ammont u b'dak il-mod hekk kif jista' jiġi preskritt skond dan is-subartikolu jew skond kull disposizzjoni oħra tal-Atti dwar it-Taxxi.**

*(2)* **Kull taxxa mnaqqsa kif meħtieġa skond is-subartikolu (1) għandha tintbagħat lil Kummissarju b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk preskritt.**

L-artikolu 4(a)(b) u (d) tal-Att dwar it-Taxxa li ghalih issir referenza fis-subartikolu 1 ghall-artikolu 23 jiddisponi kif ġej:

**4(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, it-taxxa fuq l-income għandha titħallas bir-rata jew rati speċifikati hawn taħt għas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar 1993 iżda biss dwar qligħ kapitali li jkun sar fil-25 ta' Novembru 1992 jew wara u għal kull sena ta' stima sussegwenti fuq il-qligħ kapitali kif imfisser fl-artikolu 5 li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra, u sew jekk jasal Malta jew le, u għas-sena ta' stima li tibda mill-1 ta' Jannar 1949 u għal kull sena sussegwenti ta' stima fuq l-income ta' kull persuna li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra, u sew jekk jasal Malta jew le dwar –**

*(a)* **Qliegħ jew profitti minn xi sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni, ikun liema jkun il-perijodu ta' żmien li fiħ dik is-sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni jkunu nħadmu jew ġew eżerċitati, inkluż il-profitt li jkun hemm minn bejgħ minn xi persuna ta' xi proprjeta' akkwistata minnha għall-iskop li tagħmel profitt b'mezz ta' bejgħ, jew mit-tmexxija ta' xi mpriża li tagħmel profitti jew mit-tħaddim ta' xi skema li jagħmel profitt;**

*(b)* **Qliegħ jew profitti minn xi impjieg jew kariga, magħdud il-valur ta' kull benefiċċju provdut bis-saħħa ta' xi mpjieg jew kariga; u –**

*(i)* **Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'regolamenti jippreskrivi ċ-ċirkostanzi li fihom persuna għandha titqies li tirċievi benefiċċju mingħand persuna**

**oħra provdut bis-saħħa ta' impjieg jew kariga u l-valur ta' dak il-benefiċċju;**

*(ii)* **Meta skont l-imsemmija regolamenti persuna titqies li tkun qed tirċievi xi benefiċċju provdut bis-saħħa ta' impjieg jew kariga wara t-tmiem ta' dak l-impjieg jew dik il-kariga u dak il-benefiċċju jiġi provdut bħala pensjoni, il-valur stabbilit skond l-imsemmija regolamenti għandu jikkostitwixxi income taxxabbli skond il-paragrafu (d);**

*(d)* **Pensjoni charge jew somma fis-sena jew ħlas fis-sena.**

Finalment r-regolamenti 15, 20, 21(1) u 22(1) tal-avviż legali 88 tas-sena 1998 jirregolaw l-obbligi tal-'pagatur' definit f'dan l-avviż legali bħala *'kull persuna li tħallas l-emolumenti, jew li tħallas, jew li jkollha tħallas, emolumenti kemm akkont tagħha jew f'isem xi persuna oħra u tinkludi Dipartiment tal-Gvern, persuni fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, Korporazzjonijiet pubbliċi u l-uffiċjali tagħhom, u korpijiet ta' nies oħra u l-uffiċjali tagħhom'*.

Skond dawn id-disposizzjonijiet allura kull principal li jħaddem persuna jew persuni irid jaċċerta ruħu li jibgħat dawn il-formoli fit-termini preskritt skont il-ligi bil-ħlasijiet rispettivi skond il-kalkoli magħmula, lid-dipartiment ikkonċernat. L-inadempjenza ma' dawn l-obbligi fiskali jwassal sabiex il-persuna responsabbli tirrendi ruhha ħatja ta' reat taħt dawn id-disposizzjonijiet kif ukoll taħt il-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mhux biss izda din il-Legislazzjoni Sussidjarja tinnecessita r-registrazzjoni mal-Kummissarju bhala "il-pagatur" li allura jassumi l-obbligi kollha ghas-sottomissjoni tal-prospetti marbuta mal-Final Settlement system u il-hlas relattiv tat-taxxa migbura lill-Kummissarju.

Issa mid-dokumenti esebieti in atti johrog illi hija s-socjeta' Marsalite Limited l-persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi bin-numru tal-P.E. 958924. Illi huwa indubitat illi l-appellant huwa wiehed mid-diretturi ta' din is-socjeta' u allura jaqa' fid-definizzjoni ta' "pagatur", fit-termini tar-regolamenti bhala ufficjal ta' din is-socjeta' kummercjali.

Dan ghaliex ir-regolamenti 29 u 30 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14 jiddisponu hekk:

> **Meta zewg persuni jew aktar jitqiesu li flimkien huma l-pagatur dwar xi payee ghall-finijiet ta' dawn ir-regoli, l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet imposti fuq pagaturi b'dawn ir-regoli ghandhom jitqiesu li gew imposti fuqhom solidalment**
>
> **Il-manager, <u>ufficjal principali iehor</u> jew stralcjarju ta' xi korp ta' persuni ikun <u>personalment responsabbli</u> ghal kull haga li tkun mehtiega li ssir taht dawn ir-regoli minn jew f'isem dak il-korp ta' persuni**

Illi gjaldarba s-socjeta' Marsalite Limited hija rregistrata bhala il-"pagatur" fit-termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja, ifisser illi kull ufficjal principali tal-kumpannija u cioe' id-diretturi taghha jibqghu personalment responsabbli ghall-obbligi li jemanu mill-ligi.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant izda jikkontendi illi huwa ma kienx il-persuna responsabbli ghall-obbligi fiskali kif hawn fuq imfissra u dan ghaliex kien id-direttur Nazzareno Cauchi li kien responsabbli għall-amministrazzjoni u għall-aspetti finanzjarji tal-kumpannija. Jishaq illi hu kien biss responsabbli għal aspett ta' manifattura u kien biss lejn l-aħħar meta s-sitwazzjoni finanzjarja kienet waħda prekarja, li l-appellant kien indaħal sabiex jipprova jsolvi il-pendenzi fiskali, inkluz allura li isiru l-prospetti tal-FSS kif ukoll li jsir il-hlas relattiv. Jishaq inoltre illi l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta taghtiħ komfort u essenzjalment teżoneraħ mir-responsabbilta' penali għar-raġunijiet imfissra minnu u kwindi ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti meta stqarret li l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 ma japplikax għal dan il-każ in vista tal-fatt li skond l-Ewwel Qorti l-liġi tat-taxxa hija ligi specjali li tissupera d-disposizzjonijiet generali li jirregolaw is-socjetajiet kummercjali.

Illi huwa bil-wisq evidenti mid-disposizzjonijiet tal-ligi hawn fuq iccitati illi l-appellant ma ghandux ragun f'dan l-aggravju minnu intentat. Ir-responsabbilta tal-"pagatur" tohrog mill-ligi specjali li tirregola il-Final Settlement System. Illi fuq kollox d-decizjoni mpunjata ma ghamlitx referenza ghad-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 13 tal-

Att dwar l-Interpretazzjoni, izda strahet fuq il-gurisprudenza u d-duttrina li titkellem dwar ir-responsabbilita' penali tad-direttur ta' socjeta' kummercjali u dan meta fost ohrajn issir referenza ghad-decizjoni Il-Pulizija vs Antonio Busuttil deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-06 ta' Dicembru 2012, fejn kienet involuta l-istess socjeta' kummercjali.

Dan ghaliex minn qari tad-disposizzjonijet tal-Legislazzjoni Sussidjarja hawn fuq iccitata jirrizulta illi l-legislatur ried ighabbi lid-direttur u l-*manager*, jew funzjonarji ohra ta' socjeta' kummercjali bir-responsabbilta ghal hlas tal-erarju pubbliku, kif ukoll ghall-obbligi l-ohra fiskali. Gjaldarba jirrizulta illi l-appellant kien wiehed mid-diretturi tas-socjeta' mertu tal-kaz, kwindi ir-responsabbilta penali kienet taqa' fuqu ukoll tant illi l-ligi tqiesu personalment responsabbli u *in solidum* mad-diretturi l-ohra ghal hlasijiet kollha dovuti lill-Kummissarju.

Illi, maghdud dan, anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha tqies l-applikazzjoni tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li l-appellant qed jivventila sabiex jipprova l-innoċenza tiegħu, xorta wahda huwa ma jistax jezumi ruhu mir-responsabbilita' penali u dan ghas-segwenti motivi.

Illi l-artikolu 13 ighid hekk:

> **13. Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Atti, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u[4] li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita' l-għemil tar-reat:**
>
> **Iżda ħlief dwar reati taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'Att li fih hemm disposizzjoni li tixbaħ id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att[5].**

[4] Emfażi ta' din il-Qorti.
[5] L-att dwar L-interpretazzjoni daħlet fis-seħħ nar l-4 ta' Frar 1975.

Marbuta ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, imbaghad l-artikolu 136A tal-Kapitolu 386 (Att dwar il-Kumpanniji) ighid hekk dwar ir-responsabbilta tad-direttur f'socjeta' kummercjali:

**(1) Direttur ta' kumpannija jkun marbut li jaġixxi b'onesta' u bona fide fl-aħjar interessi tal-kumpannija.**

**(2) Id-diretturi ta' kumpannija għandhom jippromwovu il-benessere tal-kumpannija u jkunu responsabbli għal:**

**(a) It-tmexxija ġenerali tal-kumpannija u l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tagħha; u**
**(b) Is-sorveljanza ġenerali tal-affarijiet tagħha.**

*(3)* **B'mod partikolari, iżda bla ħsara għal kull dmir ieħor mogħti lid-diretturi ta' kumpannija, jew lil xi wieħed minnhom, bil-memorandum u l-Istatut ta' assoċazzjoni jew b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, id-diretturi ta' kumpannija:**

**(a) Ikunu obbligati li jeżerċitaw kura, diliġenza u ħila li jkunu eżerċitati minn persuna raġonevolment diliġenti li jkollha –**

**(i) Kemm it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkunu reġonevolment mistennija minn persuna li tkun qed taqdi l-istess funzjonijiet li jkunu moqdija jew fdati lil dak id-direttur dwar il-kumpannija;**
**(ii) Kif ukoll it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkollu d-direttur;**

**(b) M'għandhomx jagħmlu profitti sigrieti jew personali mill-pożizzjoni tagħhom mingħajr il-kunsens tal-kumpannija, lanqas ma jagħmlu gwadan personali minn informazzjoni konfidenzjali tal-kumpannija;**

**(c) Għandhom jassiguraw li l-interessi personali tagħhom ma jkunux f'konflitt mal-interessi tal-kumpannija;**

**(d) Ma għandhomx jużaw xi proprjeta', informazzjoni jew opportunita' tal-kumpannija għall-benefiċċju tagħhom stess jew ta' xi ħadd ieħor, jew jieħdu xi benefiċċju b'xi mod ieħor b'konnessjoni mal-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, ħlief bil-kunsens tal-kumpannija f'laqgħa ġenerali jew ħlief kif permess mill-memorandum u l-istatut tal-assoċazzjoni tal-kumpannija;**

**(e) Għandhom jeżerċitaw is-setgħat li għandhom għall-finijiet li jkunu ngħataw is-setgħat u m'għandhomx jużaw ħażin dawk is-setgħat.**

Ukoll b'referenza għad-disposizzjonijiet preliminari tal-istess Att, id-definizzjoni ta' direttur '*tinkludi kull persuna li jkollha l-kariga ta' direttur ta' kumpannija*[6]*, ikun x'ikun l-isem tagħha, li sostanzjalment taqdi l-istess funzjonijiet dwar it-tmexxija tal-kumpannija, bħal direttur*'.

Illi kwindi b'referenza għad-disposizzjonijiet ikkwotati hawn fuq huwa ċar illi l-funzjoni ta' direttur huwa vast u ġeneriku ħafna u allura l-ebda direttur ma jista' juża r-responsabbiltajiet tiegħu fl-amministrazzjoni "interna" tal-kumpannija u li jkun jirrapreżenta sabiex jiskolpa lilu nnifsu min-nuqqas ta' osservanza tad-doveri u tal-obbligi tiegħu skond il-liġijiet fiskali. Dan jidher li huwa wkoll l-ispirtu tal-artikolu 13 meta tixhet fuq kull direttur (mingħajr l-ebda speċifikazzjoni tal-funzjonijiet li jaqdu jew li qdew fil-kumpannija li tkun) ir-responsabbilta' kriminali meta jiġu kommessi reati mill-kumpannija bħalma filfatt ġara f'dan il-każ.

Issa l-appellant jallega li hu ma setax ikun jaf b'dak li kien qed jiġri peress li hu ma kienx responsabbli għall-amministrazzjoni u għall-aspetti finanzjarji u li meta dawn in-nuqqasijiet ġew a konjizzjoni tiegħu kien tard wisq biex hu jagixxi fit-termini tal-ligi. Din il-prova fit-termini ta'l-artikolu 13 hawn fuq iccitat kienet tispetta, izda, huwa ma jirnexxielux jikseb dan l-oneru tal-prova mqieghed fuq spalltu, ghall-inqas issa fi stadju tal-appell. Mhuwiex biżżejjed fil-fehma ta' din il-Qorti li wieħed jiddikjara ġenerikament illi l-mansjonijiet tieghu fi hdan il-kumpannija ma kienux jikkomprendu l-aspett finanzjarju u fiskali speċjalment meta l-appellant kien direttur f'dawk iż-żminijiet u fejn allura kien fl-obbligu tiegħu li jkun jaf x'kien qed iseħħ mill-aspett amministrattiv u finanzjarju allavolja direttur ieħor kien prinċipalment responsabbli għalihom. Din il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-appellant ġab provi a sufficenzja sal-grad rikjest sabiex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu u cioe' li mhux biss ma kienx jaf b'dawn in-nuqqasijiet imma wkoll li kien eżerċita id-diliġenza kollha tiegħu, kif dettata wkoll mill-Att dwar il-Kumpanniji, sabiex jevita li dawn in-nuqqasijiet jirrikorru jew li li għamel li seta' biex isolvi l-problema li kienet inħolqot tul dawk is-snin kollha. *Di piu'* d-dokumenti eżebiti mir-rappreżentant tal-MFSA jinkludu rapporti annwali u dikjarazzjonijiet finanzjarji (*financial statements*) li skond

---

[6] Emfażi tal-Qorti.

kif inhu indikat jinkludu fihom infushom ir-rapport tad-diretturi li jrid jiġi ppreparat minn kull direttur u li jagħmel referenza wkoll għall-aspett finanzjarju għal kull perijodu u li għandu jinħareġ fi tmiem kull perijodu finanzjarju, fejn l-appellant kien wieħed mill-firmatarji flimkien mal-imsemmi Nazzareno Cauchi kif ukoll Anthony Busuttil li lkoll awtorizzaw il-ħruġ tal-'*financial statement*' tal-kumpannija in kwistjoni[7]. Kwindi din il-Qorti ssibha iktar diffiċli temmen li l-appellant ma kienx konsapevoli jew ma kienx jinżamm *de minimis* aġġornat dwar il-qaghda finanzjarja tal-kumpannija, li wara kollox kien wieħed mid-doveri tiegħu bħala direttur ta' din il-kumpannija. Wisq iktar allura, din il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-appellant uża d-diliġenza kollha tiegħu sabiex jipprevjeni l-għemil ta' dan ir-reat jew li pprova jissanna s-sitwazzjoni qabel ir-reat jiġi kommess.

Illi kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Antonio Busuttil intqal illi:

> **'..Il-fatt illi huwa kien qed jiehu hsieb is-sales u kien hemm haddiehor jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpannija ma tbiddilx din is-sitwazzjoni. L-arrangamenti interni fil-kumpannija hija xi haga personali tad-diretturi u ma taffettwax id-drittijiet statutorji tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi ghandu dritt idur fuq kwalunkwe direttur jekk jirrizulta xi nuqqasijiet fil-kumpannija. Ghalhekk huwa inutli illi l-imputat jargumenta illi huwa kien fuq sales jigri barra u l-gestjoni tal-kumpannija kienet f'idejn haddiehor u li qatt ma ssemma xi problemi mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-laqghat li kien ikollhom tal-kumpannija peress illi dawn huma affarijiet interni tal-kumpannija li ma jaffettwawx id-dritt tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li ghandu dritt idur fuq kwalunkwe direttur jekk jirrizulta nuqqas ta' hlasijiet dovuti lill-Kummissarju'.**[8]

Illi b'referenza ghall-allegazzjoni maghmula mill-appellanti illi is-sejbien ta' htija ghar-reat lilu addebitat huwa vjolattiv tal-jedd protett mill-Kostituzzjoni fl-artikolu 39(5) il-Qorti Kostituzzjonali kienet tal-fehma illi:

> **"L-artikolu 13 ta' l-Att VII ta' 1975 jikkrea presunzjoni li direttur jew manager huwa hati ta' reat kommess minn dik il-kumpannija jew ghaqda sakemm ma jippruvax li uza d-dilegenza kollha biex jevita l-ghemil tar-reat. Tali presunzjoni ma tivvjolax il-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat protetta mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja".**[9]

---

[7] Ara folio 272 u 273 tal-atti proċesswali.

[8] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-6 ta' Frar 2012.

[9] Deċiża fid-29 ta' Novembru 1989 mill-Qorti Kostituzzjonali mill-Imħallfin Herrera Joseph A., Scicluna Carmelo, Camilleri Joseph D.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat

Illi l-appellant qiegħed jallega wkoll li mid-diċitura tal-akkuża kif miġjuba kontra tiegħu hu qed jiġi akkużat b'att ta' kommissjoni u mhux ta' ommissjoni u dan meta ma ntbagħtux il-Formuli tal-FS5 u/jew ma kienux akkumpanjati bil-pagamenti dovuti lid-Dipartiment u dan anki in vista tad-diċitura tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Kwindi fil-fehma tal-appellant l-akkuża kif miġjuba ma tistax treġi kontrih u dan anki fid-dawl tal-manjiera kif l-ewwel Qorti ddefiniet ir-responsabbiltajiet tiegħu bħala direttur.

Issa kif dejjem gie ritenut mill-qrati taghna, ic-citazzjoni tikkostitwixxi biss *avviso a comparire* u ma ghandhiex l-istess funzjoni fiha nnfisha tal-Att tal-Akkuza li titressaq quddiem il-qrati superjuri. Dan ghaliex huwa bizzejjed ghal persuna akkuzata illi minn qari tac-citazzjoni tkun taf in-natura tal-akkuza lilu addebitata u dan sabiex tkun tista' thejji id-difiza taghha skont il-ligi. Kif gie superjorment deciz:

> **"7. ….. it has long been established in our case law that the summons proferred before the Courts of Magistrates is merely a notice for the person charged to appear before the Court (*avviso a comparire*) on the date and at the time indicated in the summons as an alternative to his being brought before the Court under arrest. The summons is not the basis of the charge since this is proferred when it is read out in Court by the prosecution and the contest between the prosecution and the person charged does not ensue on the basis of the summons but on the basis of the exposition of the facts by the prosecution before the Court. As a result when the person summoned appears before the Court the main function of the summons is achieved .**
>
> **8. Another aim of the summons is for the sake of practicality and to avoid waste of time by putting the person charged beforehand in a position to know what he is being charged with in order that he may prepare his defence[10].**

Issa minn qari tac-citazzjoni nnotifikata lill-appellant huwa bil-wisq evidenti illi huwa qed jigi addebitat bir-reati mahsuba fl-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta tant illi c-citazzjoni fiha dawk id-dettalji kollha mehtiega sabiex huwa jkun jaf ezattament liema huwa dak in-nuqqas kommess minnu kriminalment. Fic-citazzjoni

[10] App. Inf. The Police vs David Anthony Pollina deciza 15/07/2016

hemm indikati kemm s-snin li fihom huwa ma ottemperax ruhu mal-obbligi tieghu li jipprezenta il-formoli tal-Final Settlement System u il-hlasijiet relattivi kif ukoll id-disposizzjonijet tal-ligi li fuqhom hija msejsa l-akkuza. Mhux biss izda l-att materjali jinsab deskritt fl-ahhar frazi tal-akkuza fejn huwa gie akkuzat illi "*nqast milli thares id-disposizzonijiet ta' dawk ir-regoli*" u dan b'referenza ghal-ligi iccitata fl-istess citazzjoni. Dan huwa n-nuqqas li gie imputat lilu u kwindi kien f'posizzjoni jifhem ben tajjeb in-natura tal-akkuza hemmhekk imhaddna. Maghdud dan allura mil-mument li ic-citazzjoni giet innotifikata lilu u huwa seta' jifhem in-natura tal-akkuza addebitata lilu u fil-mument illi huwa deher fil-qorti biex iwiegeb ghal dina l-akkuza, il-funzjoni tac-citazzjoni giet milhuqa. Illi fuq kollox fil-kamp penali l-att materjali tar-reat jista' ikun kostitwit kemm minn atti pozittivi (*acts of commission*) kif ukoll dawk negattivi (*acts of omission*) li huma punibbli legalment mingħajr l-ebda distinzjoni dwar l-estent ta' responsabbilta' ta' waħda jew l-oħra. Illi allura dan l-aggravju tal-appellant jirrazenta l-fieragh u qed jigi rigettat.

Ikkunsidrat:

Illi għal dak li jirrigwarda l-aħħar aggravju tal-appellant li tittratta l-impossibbilta' tiegħu li jottempera ruħu ma dak li l-Ewwel Qorti ordnat, inghad hekk fis-sentenza il-Pulizija vs Antonio Busuttil (hawn fuq iccitata) li kienet tikkoncerna l-istess socjeta' kummercjali fejn essenzjalment gew imqanqla l-istess difizi. Tghid hekk id-decizjoni, li din il-Qorti ser ticcita *in extenso* a skans ta' repetizzjoni:

> **"filwaqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi d-difiza ta' impossibiltà hija rikonoxxuta fis-sistema guridika taghna, bhala regola generali din id-difiza tista' tigi mqajma biss jekk dak li jkun ma jkunx pogga ruhu volontarjament fl-impossibiltà fizika li jottempora ruhu mal-ligi. Kwindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta' self-inflicted impossibility, din id-difiza ma tistax treggi. Il-proviso tal-artikolu 23(13) jipprovdi li r-reat jibqa' jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ... Dawn il-kliem ifissru li r-responsabiltà tad-direttur jew min ghandu fuqu responsabbiltà illi jottempora ruhu mal-provvedimenti tal-Kap fuq imsemmi 372 jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara li jkun spicca minn direttur. Peress illi l-kliem "min jaghmel ir-reat" ma fiha ebda definizzjoni partikolari ta' kariga irrispettivament jekk dak li jkun jkunx ghadu direttur jew le. Jekk ma jkunx ghadu direttur, allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi huwa kien fl-**

**impossibiltà li jottempora ruhu mal-ligi minhabba raguni jew ohra. Jekk direttur jirrezenja fi zmien partikolari volontarjament, allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempora ruhu mal-ligi u fil-konfront tieghu l-preskrizzjoni ma tapplikax u l-provisio tal-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa' jissussisti fil-konfront tieghu. Jekk min-naha l-ohra direttur jimrad b'tali mod illi jkun fl-inkapacità li jottempora ruhu mal-ligi jew inkella kontra l-volontà tieghu jitnehha minn direttur qabel ma jkun jista' jaqdi l-obbligazzjoni tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, allura hawnhekk hija kwistjoni ohra u l-imputat ikun jista' jqajjem b'success id-difiza ta' impossibiltà. Però din il-prova jrid igibha l-imputat jew il-persuna li tkun ghamlet ir-reat li juri lill-Qorti almenu sal-grad ta' probabiltà illi huwa kien fl-impossibiltà illi jaqdi d-doveri tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fin-nuqqas ta' din il-prova l-persuna tibqa' responsabbli ghal zmien indefinit stante li r-reati kontemplati taht il-Kap. 372 huma reati permanenti."[11]**

Illi kwindi huwa ċar mid-diċitura ta' din is-sentenza li l-impossibilta' kif qed tiġi vventilata mill-appellant li mill-atti jirriżulta li rriżenja minn jeddu fis-sena 2011, ma tistax tapplika għalih u dan sabiex jezimi ruhu mill-obligazzjonijiet tiegħu skont il-ligi. Fuq kollox ghall-inqas quddiem din il-Qorti l-appellant naqas milli jressaq dawk il-provi u dan sal-grad tal-probabbli li jistghu b'xi mod jindikaw x'kienet dik l-impossibilita'. Din il-Qorti ghalhekk ma tarax illi tista' titbieghed mill-konkluzjoni li lahhqet l-Ewwel Qorti, li fuq kollox kellha il-privilegg tisma' x-xiehda tal-appellant meta ikkonkludiet:

**"Illi ghandu jinghad li l-imputat qed jallega li llum huwa fl-impossibilita' li jottempera ruhu ghaliex id-dokumenti kollha relattivi ghal mertu ta' dawn il-proceduri huma maqbuda fil-fabbrika (minn fejn kienu joperaw) li kienet giet issekwestrata mill-awtorita kompetenti fis-sena 2009.**

**Illi pero l-vera kwistjoni fil-kaz odjern hija wahda ta' hlas ta' ammonti dikjarati mis-socjeta' Marsalite Limited stess fid-dokumenti li hija stess epprezentat lill-Kummissarju tat-Taxxi."**

Fil-fatt l-akkuza tirreferi ghas-snin precedenti is-sena 2011 meta irrizenja l-appellant mill-kumpannija, f'liema snin allura huwa kien ghadu involut fil-gestjoni ta'l-istess u kien responsabbli mis-sottomissjoni tal-prospetti relattivi lill-Kummissarju.

[11] Pulizija vs Antonio Busuttil deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-6 ta' Diċembru 2012, b'referenza għal każ fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Mary Debono wkoll deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali u mill-Imħallef Michael Mallia nhar id-9 ta' Diċembru 2011.

Ghaldaqstant anki t-tielet u l-aħħar aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' David Agius u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. It-termini indikati mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni appellata ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur